

Paġna ewlenija>Drittijietek>Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti

Danimarka

1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

Fid-Danimarka, l-età minima biex attur ikun jista' jiftaħ kawża l-qorti f'ismu stess hija ta' 18-il sena.

2. Aċċess għal proċedimenti adattati

Fil-kawżi tal-liġi kriminali, ma hemmx fis-seħħ istituzzjonijiet speċjalizzati biex jitrattaw vittmi minuri u xhieda minuri. Is-servizzi normali tal-pulizija, tal-prosekuzzjoni u tal-qorti jitrattaw lil dawn il-persuni minuri.

Fid-dritt ċivili, ma hemm l-ebda istituzzjoni speċjalizzata li tittratta lill-minuri fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili fid-Danimarka.

Bħala regola ewlenija, l-ordinament ġuridiku Daniż huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li l-imħallfin u l-uffiċjali ġudizzjarji huma "ġeneralisti". B'hekk, l-ebda mħallef jew uffiċjal ġudizzjarju speċjalizzat ma huwa involut fi proċedimenti li jikkonċernaw lill-minuri.

Il-qrati għandhom obbligu ġenerali li jsegwu kwalunkwe kawża bil-ħeffa meħtieġa.

Fl-2013, il-Gvern Daniż iddeċieda li jsaħħa il-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh mill-abbuż. Meta wieħed jassumi li persuna minuri jew żaġżuġha teħtieġ appoġġ speċjali, il-kunsill muniċipali għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet tal-persuna minuri jew żaġżuġha jiġu eżaminati.

Għall-ġustizzja kriminali, ma hemmx fis-seħħ istituzzjonijiet speċjalizzati biex jitrattaw vittmi minuri u xhieda minuri.

Id-Danimarka tqis il-minuri mhux akkumpanjati bħala grupp partikolarment vulnerabbli u, għal dan l-għan, tfaasslu linji gwida għall-ipproċessar ta' dawn it-talbiet.

L-atturi minuri jiġu rrappreżentati mill-ġenituri jew mill-gwardjani tagħhom matul il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili billi huma ma għandhomx il-kapaċità ġuridika proċedurali li jaġixxu. Il-persuni minuri li jissejħu bħala xhieda fil-qrati ċivili ordinarji ma għandhomx id-dritt li jitolbu għas-servizzi ta' avukat mingħajr ħlas.

3. Aspetti multidisċiplinarji

Fl-2013, il-Gvern Daniż alloka fondi għal inizzjattivi li jsaħħu l-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh mill-abbuż. Waħda mill-inizzjattivi kienet it-twaqqif ta' 5 "Djar tat-Tfal" speċjali li jkopru l-muniċipalitajiet kollha fid-Danimarka.

Twaqqaf mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex tissaħħa il-kooperazzjoni f'każijiet ta' kunflitt kbir bejn l-Amministrazzjoni Reġjonali tal-Istat u l-muniċipalitajiet.

4. Taħriġ tal-professjonisti

Id-Deputati Mħallfin jipparteċipaw f'sensiela ta' korsijiet ta' taħriġ bażiku obligatorju. Dawn il-korsijiet jinkludu taħriġ fl-immaniġġjar ta' każijiet ta' kustodja.

Fir-rigward tal-imħallfin, dan is-suġġett ġeneralment ikun inkorporat f'korsijiet ta' taħriġ u seminars, meta jkun rilevanti.

Ma jeżisti l-ebda taħriġ obligatorju tal-avukati li jrrappreżentaw lill-persuni minuri f'kawżi ċivili, kawżi kriminali jew kawżi fi ħdan is-sistema amministrattiva.

Id-Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubblika joffri seminar bħala parti mit-taħriġ supplimentari tal-prosekuturi li jiġu f'kontatt ma' persuni minuri matul il-proċedimenti.

Il-Gvern Daniż jappoġġa kontinwament lill-muniċipalitajiet fil-ħidma tagħhom biex jipprovdu s-servizz xieraq għat-tfal u taż-żgħażaġh vulnerabbli u għall-familji tagħhom. Għalhekk, ġie allokat finanzjament annwali għall-edukazzjoni ulterjuri tal-ħaddiema soċjali muniċipali.

5. L-aħjar interessi tal-minuri

Skont l-Att Daniż dwar is-Servizzi Soċjali, il-muniċipalità hija obligata li tipprovdi lil persuna minuri bl-appoġġ meħtieġ f'konformità mal-aħjar interessi tal-minuri. B'hekk, l-appoġġ irid jiġi adattat għas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minuri, jiġi pprovdut fi stadju bikri u fuq bażi kontinwa sabiex kwalunkwe problema tkun tista' tiġi rrimedjata kemm jista' jkun fid-dar tal-minuri jew fl-ambjent immedjat tal-minuri. Barra minn hekk, l-appoġġ irid ikun ibbażat fuq ir-riżorsi proprji tal-minuri.

6. Il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri

Għall-ġustizzja kriminali, fir-rigward tal-vittma, meta jiġi rrapportat allegat reat lill-pulizija, il-pulizija għandhom obbligu ġenerali li jipprovdu gwida u informazzjoni lill-vittma rigward, fost l-oħrajn, id-dritt għall-għajjnuna legali.

Sentenzi ċivili li jinvolvu persuni minuri bħala atturi jiġu eżegwiti skont ir-regoli normali tal-eżekuzzjoni mill-qrati tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. L-atturi minuri ma għandhomx il-kapaċità ġuridika proċedurali li jaġixxu, għalhekk, jeħtieġ li jkun rrappreżentati mill-ġenituri jew mill-gwardjani tagħhom li jeżerċitaw id-drittijiet tal-attur minuri.

F'kawżi tal-liġi tal-familja, l-eżekuzzjoni ta' sentenzi dwar il-kustodja u r-residenza tal-minuri sseħħ mill-qrati tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. L-eżekuzzjoni ma jstax isseħħ jekk is-saħħa fiżika u mentali tal-persuna minuri tkun espota għal periklu serju.

7. Aċċess għar-rimedji

Għal-liġi kriminali, meta jiġi rrapportat allegat reat lill-pulizija, il-pulizija għandhom obbligu ġenerali li jipprovdu gwida u informazzjoni lill-vittma rigward, fost l-oħrajn, id-dritt għall-għajjnuna legali u informazzjoni dwar id-denunzji. It-talbiet għal kumpens jistgħu jiġu ttrattati waqt il-proċess kriminali.

Persuna minuri jista' jkollha l-istatus ta' attur, iżda minħabba n-nuqqas ta' kapaċità proċedurali tagħha li taġixxi, ma tistax tressaq kawża b'mod indipendenti quddiem il-qrati domestiċi f'isimha stess.

Persuna minuri jista' jkollha l-istatus ta' konvenut, iżda l-azzjonijiet proċedurali kollha jridu jittieħdu mill-ġenituri jew mill-kustodju tal-persuna minuri f'isimha. Kulħadd, inklużi l-minuri, huwa obligat jixhed fi proċedura tal-qorti, jekk ikun mistieden jattendi bħala xhud mill-qorti. Mhux meħtieġ il-qbil ta' ġenitur /kustodju għall-parteċipazzjoni tal-persuna minuri fil-proċedimenti bħala xhud.

Il-persuni minuri jista' jkollhom l-istatus ta' atturi u konvenuti fil-proċedimenti tad-dritt ċivili. B'mod ġenerali, il-persuni minuri ma għandhomx il-kapaċità ġuridika proċedurali li jaġixxu u, għalhekk, il-ġenituri jew il-kustodji tagħhom jeżerċitaw id-drittijiet tal-atturi u l-konvenuti minuri, inkluż id-dritt ta' appell.

8. Il-ħajja tal-familja

Qabel ma tingħata approvazzjoni bħala ġenituri adottivi prospettivi, is-segretarjat tal-Kunsill Konġunt għandu jwettaq investigazzjoni bir-reqqa tal-applikanti. L-eżiti tal-investigazzjoni jiġu ppreżentati lill-Kunsill Konġunt, li, abbażi tal-investigazzjoni, jiddeċiedi jekk l-applikanti jistgħux jiġu approvati bħala ġenituri adottivi prospettivi jew le.

L-Att Daniż ta' Diċembru 2015 dwar l-Adozzjoni jippermetti biss adozzjoni sħiħa. Fil-preżent, l-AAB Daniż jikkoopera biss mal-Istati tal-orġini li l-leġiżlazzjoni tagħhom tippermetti adozzjonijiet b'saħħithom.

Fir-rigward tal-adozzjonijiet nazzjonali, l-Att Daniż dwar l-Adozzjoni jiddikjara li l-persuni minuri kollha li għandhom aktar minn 12-il sena jridu jagħtu l-kunsens tagħhom għall-adozzjoni.

F'każ li t-fal ikollhom inqas minn 12-il sena, l-Amministrazzjoni tal-Istat trid, meta l-maturità tat-fal u n-natura tal-każ jippermettu, tipprovdi informazzjoni dwar l-attitudni tat-fal lejn l-adozzjoni.

Il-Ministru għall-Affarijiet Soċjali u l-Intern huwa responsabbli għal-leġiżlazzjoni dwar l-adozzjoni.

[Ġustizzja favur il-persuni minuri fid-Danimarka\(499 Kb\)](#)  (499 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 30/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.